MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2004

Appell Kriminali Numru. 42/2004

**Il-Pulizija**

vs

**Mario Bezzina**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra l-imsemmi Mario Bezzina talli fil-lejl ta' bejn id-19 ta' Dicembru, 2003 u l-20 ta' Dicembru, 2003, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu u bl-awtorita' tieghu innifsu, fixkel lil martu Carmen Bezzina fil-pussess ta' hwejjigha u minghajr il-kunsens ta' l- istess martu Carmen Bezzina ha mill-pussess taghha l-vettura tal-marka Fiat Punto numru tar-registrazzjoni FBP-336 u zamm lill-istess martu milli taghmel **uzu** mill-imsemmija vettura;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-20 ta’ Frar, 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Mario Bezzina hati u kkundannatu Lm50 (hamsin liri Maltin) multa u ordnat lill-akkuzat jigi konformi mal-ligi fi zmien xahar mid-data tas-sentenza taht penali ta’ zèwg liri Maltin (Lm2) fin-nuqqas;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-istess Mario Bezzina minnu pprezentat fis-26 ta’ Frar, 2004 li permezz tieghu talab sabiex tithassar is-sentenza appellata u, fin-nuqqas, titbiddel l-istess sentenza billi l-appellant jigi lliberat mill-imputazzjoni dedotta u l-piena nflitta;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi;
Semghet it-trattazzjoni;
Ikkunsidrat:

Fir-rikors ta’ appell tieghu l-appellant jilmenta mill-fatt li fic-citazzjoni notifikata lilu ma kien hemm l-ebda indikazzjoni taht liema artikolu tal-ligi kien qieghed jigi akkuzat. Jilmenta wkoll li minn imkien fic-citazzjoni ma jirrizulta l-lok ta’ fejn allegatament sehh ir-reat, la isem it-triq, la isem il--lokal u lanqas ma jirrizulta l-hin approssimattiv jew reali li fih allegatament sehh ir-reat. Jghid ukoll li l-appellant gie mharrek hazin meta gie mharrek fil-kwalita’ tieghu personali peress illi huwa agixxa bhala *managing director* in rapprezentanza tas-socjeta’ Joseph Bezzina & Co. Ltd. Ghal dawn ir-ragunijiet jissottometti li s-sentenza appellata hija nulla.

F’dan ir-rigward huwa rilevanti s-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi:

**“Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta’ 1-akkuza, bil-partikularitajiet ta’ zmien u ta’ lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw.”**

Issa l-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna hi fis-sens li c-citazzjoni in kwistjoni mhix hlief avviz lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti.  Fissentenza moghtija minn din il-

Qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet **Il-Pulizija** vs **Joseph Buttigieg** *fil-25* ta' Lulju 1994, intqal:

"L-insenjament tal-qrati taghna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tghid univoku u gie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Dicembru, 1948 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E.*** (Vol.XXXIII.iv.758) li dahlet ukoll fl-origini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data ii jigu indikati lilu, minflok ma jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art.360(1)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: 'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore' (ara sentenza citata, pagna 761). Dan ifisser li galadarba 1-persuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni <u>principali</u> tac-citazzjoni (ghax hemm funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, ii l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi ruhhu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun giet ezawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju, 1989 fl-ismijiet **I1-Pulizija vs Noel Zarb Adami)."**

U bhalma qalet din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza moghtija fl-4 ta' Novembru 1994 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Buttigieg:**

"Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita' taghha, jew tal-proceduri, kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini ta' pratticita' u ta' evitar ta' telf ta' zmien, u cioe' biex l-imputat x'hin jidher quddiem il-Qorti jkun jaf fuqhiex ikun gie

mharrek, u hekk dakinhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall-imputazzjoni dedotta.

.....

Dan kollu premess ifisser li c-citazzjoni li jkun fiha l-ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati qatt ma tista’ tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skorretti tal-fatti. F’ebda kaz dik ic-citazzjoni ma ggib in-nullita’ tal-proceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza.”

Is-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali jirrikjedi biss li ccitazzjoni jkun fiha l-fatti ta’ l-akkuza. Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Philip Schembri** moghtija fit- 18 ta’ Novembru 1994 minn din ilQorti (diversament presjeduta), gie spjegat:

“Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b’mod car ir-reat ii tieghu l-persuna tkun qed tigi imputata, minghajr il-htiega ta’ tigbid ta’ kliem jew immaginazzjoni, jigifieri b’mod li l-imputat ikun jaf ta’ liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghal liema reat jew reati jrid iwiegeb.”

Fil-kaz in ezami, huwa minnu li fic-citazzjoni m’hemmx citat l-artikolu tal-ligi li ghalih tirreferi l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant - izda tali indikazzjoni la hi mehtiega u lanqas ma tifforma parti mill-fatti ta’ l-akkuza. In kwantu n-nuqqas ta’ indikazzjoni tal-hin approssimattiv jew reali, l-artikolu 360(2) ma jirreferix ghall-“hin” tar-reat izda ghaz-zmien” u c-citazzjoni effettivament taghti indikazzjoni taz-“zmien” meta allegatament sehh ir-reat in kwistjoni bhala “fil-lejl ta’ bejn id-19 ta’ Dicembru 2003 u l-20 ta’ Dicembru 2003”. Huwa minnu li fic-citazzjoni m’hemmx indikazzjoni tal-lok fejn allegatament sehh ir-reat izda, fid-dawl tal-gurisprudenza sucitata, tali nuqqas ma jwassalx ghan-nullita’ tac-citazzjoni jew tal-proceduni sussegwenti, kompriza s-sentenza. Hekk ukoll fir-rigward ta’ l-ilment ta’ l-appellant li huwa gie mharrek hazin peress hi huwa agixxa fil-kwalita’ tieghu ta’ *managing director* ta’

socjeta' kummercjali, l-appellant m'ghandux ragun peress li l-fatt li imputazzjoni ma jkun fiha ebda indikazzjoni jew accenn ghal xi responsabbilta' vikarja ma jistax iwassal ghad-dikjarazzjoni ta' xi nullita'[1]. Konsegwentement it-talba ta' l-appellant biex is-sentenza appellata tigi dikjarata nulla hi michuda.

Fil-mertu l-appellant ighid li l-karrozza in kwistjoni ma kinitx hwejjeg Carmen Bezzina li lanqas ma kienet fil-pussess ta' tali karrozza peress li din kienet semplicement mislufa lilha ghal perijodu ta' ftit xhur bl-intiza cara li s-socjeta' kummercjali Joseph Bezzina & Co. Ltd., proprjetarja ta' l-istess karrozza, tehodha lura x'hin u meta riedet hi u ghalhekk ma kienx hemm bzonn tal-kunsens ta' Carmen Bezzina biex il-karrozza tittiehed.

Il-fatti kif jirrizultaw lill-Qorti mix-xhieda mismugha fis-seduta tad- 19 ta' April 2004 huma brevement is-segwenti: L-appellant huwa *managing director* tas-socjeta' Joseph Bezzina & Co. Ltd., proprjetarja tal-karrozza Fiat Punto numru FBP 336. Il-karrozzi li kienu jkunu ghad-disposizzjoni ta' mart l-appellant, Carmen Bezzina, kienu dejjem registrati f'isem il-kumpanija. L-ahhar karrozza kienet proprju l-Fiat Punto msemmija li, skond Carmen Bezzina, kienet ilha ghandha madwar sitt xhur meta ttiehdet mid-dar taghha. Jirrizulta li bejn l-appellant u martu kienu nbdew proceduri ta' separazzjoni. L-appellant jammetti li l-karrozza qabad u hadha hu minghajr ma nforma lil martu.

L-imputazzjoni migjuba kontra l-appellant hi kjarament dik ta' *ragion fattasi* taht l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali. L-elementi kostituttivi ta' dan ir-reat huma, kif gie diversi drabi ritenut fil-gurisprudenza taghna:

"(1) att estem ii jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor; (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt; (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato

braccio' dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorita' pubblika (Jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, 'la persuasione di fare da se' cio' che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'); u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, Il-Pulizija v. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; Il-Pulizija v. Carmel sive Charles Farrugia, App. Krim. 17 ta' Frar, 1995; Il-Puliziia v. Carmelo Ciantar, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., **Annotazioni able Leggi Criminali** (Malta), 1872, p. 123). Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' ***ragion fattasi*** jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' ***ragion fattasi*** jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika"2.

______________________

1Ara wkoll Appell Kriminali **I1-Pulizija vs Joseph Bonnici, 26 ta' Mejju 1995.**

**2** Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Mario Lungaro,** 15 ta' Novembru 1996.

Mhuwiex kontestat li l-karrozza in kwistjoni hija proprjeta' tas-socjeta' Joseph Bezzina & Co. Ltd. Izda ghax kienet "mislufa" lil Carmen Bezzina ma jfissirx, kif jippretendi l-appellant, li allura Carmen Bezzina ma kinitx fil-pussess ta' l-imsemmija karrozza. L-appellant stess jammetti li martu kienet qed taghmel uzu minn din il-karrozza. Ghall-finijiet tar-reat ta' *ragion fattasi* "il-pussess materjali, jew detenzjoni, hu sufficjenti ghall-avverament tal-ipotesi tal-ligi" (ara appell kriminali **Il-Pulizija vs George Zahra,** 16 ta' Lulju 1958 - Vol. XLII.iv. 1453). Min ikollu oggett misluf lilu ghat-tgawdija tieghu ghandu l-pussess materjali ta' dak l-oggett. Taht l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn li jigi pruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk.

Mhuwiex kontestat lanqas, anzi huwa ammess mill-appellant stess, li huwa qabad u ha l-karrozza mid-dar ta' residenza tieghu u ta' martu minghajr ma nfurmaha. Fix-xiehda tieghu jghid li meta ghamel hekk hi kienet ghadha rieqda, li meta kellha karrozzi ohra qabel dik in kwistjoni meta riedu haduhom, u li kienet il-kumpanija li ddecidiet li tehodha peress hi madehrilhiex li tista' taghmel pjaciri lil Carmen Bezzina meta din kienet harget xi mandati fuq il-kumpanija. Bil-fatt li Carmen Bezzina kienet harget xi mandati fil-konfront ta' zewgha h-appellant sabiex, *inter alia,* jigi inibit milli jbiegh jew jittrasferixxi l-proprjeta' tal-kumpanija msemmija, certament ma setax jigi interpretat li hija kienet qed tirrinunzja ghall-uzu li kienet qed taghmel mill-karrozza in kwistjoni. In vista tal-fatt li Carmen Bezzina dejjem kellha karrozza ghad-disposizzjoni taghha, l-appellant ghalhekk seta' facilment jipprezumi li martu se topponi ghall-fatt li l-karrozza tittiehed. L-appellant ma jistax lanqas jipprova jistahba wara l-kumpanija bhallikieku ma kellu x'jaqsam xejn personalment mad-decizjoni hi tittiehed il-karrozza meta l-att materjali ta' tehid tal-karrozza sar minnu stess u meta, in kontro-ezami, mistoqsi mill-prosekuzzjoni jekk il-kumpanija ddecidietx *there and then,* wiegeb: *"Le jiena ddecidejt ......"*". Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant jinsisti li kellu dritt jagixxi kif agixxa stante li l-karozza kienet tal-kumpanija li taghha hu *1-managing director.* Izda d-decizjoni tieghu li jinnega lil martu mill-uzu u tgawdija li kienet qed taghmel tal-karrozza msemmija, karrozza proprjeta' ta' kumpanija li l-azzjonijiet taghha jidher li jiffurmaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti bejn l-appellant u martu (ara mandat ta' inibizzjoni a fol. 12 u 13 tal-process), kienet wahda arbitrarja u mehuda *"di privato braccio* **".** Id-difensur ta' l-appellant jargumenta hi l-karozza ttiehdet minn dar l-appellant stess u ghalhekk ma jistax ikun hemm *ragion fattasi.* Dan l-argument ma jreggix. Ir-reat ta' *ragion fattasi* huwa meqjus bhala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja u amministrazzjonijiet pubblici ohra. Ghalhekk anke fil-kaz ta' ko-pussessuri (bhalma jista' jkunu r-ragel u l-mara) dak hi hu mehtieg hu li huma "jaghmlu, kulh wiehed minnhom, uzu

ragonevoli mill-oggett b'mod li ma jkunx jista' jinghad li wiehed qed jippriva
lill-iehor mit-tgawdija ragonevoli ta' dak l-oggett" (Appell Kriminahi **Il-Pulizija vs Georgina Gauci,** 7 ta' Jannar 1998 - Vol. LXXXII.iv.76). Bl-agir tieghu l-appellant cahhad ghal kollox lil martu mit-tgawdija tal-karrozza msemmija bi ksur tal-provvedimenti ta' l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali. Konsegwentement l-appell tieghu huwa infondat.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------